KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 62

It-Tnejn u sittin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 28 ta' Novembru 2016 fis-6.05pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Kris Busietta | Vici Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Graziella Enriquez | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*62.1 Qari tal-ittri ta' apologiji*
*62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*
*62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*
*62.4 Tweġibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*
*62.5 Rapporti*
*62.6 Deputat Segretarju Ezekuttiv*
*62.7 Rapprezentazzjonijiet mal-Awtorita tal-Ippjanar dwar permessi ta' zvilupp*
*62.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati*

*62.9 Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Iskeda ta' pagamenti*
*62.10 Mozzjonjiet u*
*62.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 62.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

62.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa bl-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku kif ukoll tal-Kunsillier D. Muscat.

62.1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega ftit l-ordnijiet permanenti tal-laqgħa tal-Kunsill. Is-SE informa li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qiegħed ukoll jagħmel *monitoring* tal-laqgħat u jista jwaqqaf laqgħa f'kaz li l-Kunsill ma jkunx qiegħed jimxi ma dawn l-istess ordnijiet permanenti. Zied jgħid li l-Kunsillier irid jibgħat mozzjoni qabel il-laqgħa bil-miktub lis-SE u jkollu sekondant, jekk ikun irid jiddiskuti suggett, specjalment jekk dan jirrigwarda vot finanzjarju. Spjega wkoll li l-ittri ta' apoloġiji fl-assenza ta' kunsillier/a, iridu jinqraw qabel is-seduta. *Tibdil fi proċeduri tad-DLG*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-6.15pm*

## 62.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

62.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni.

62.2.2 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-punt 61.6.5 u talab li tizdied il-frazi 'Il-Kunsill qabel.'

62.2.3 Is-Sindku irrefera għall-punt 61.6.9 u talab li ssir korrezzjoni u tizdied il-kelma 'fi spejjes' fl-aħħar tas-sentenza.

62.2.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 61_27/10/2016*

## 62.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINKDU

62.3.1 Is-Sindku irrefera għall-punt 61.1.1 dwar il-progett ta' thawwil ta' siġar ta' Triq Dingli u qal li hemm permess li irid issir mal-PA u li ghaldaqstant, trid issir laqgħa mal-perit. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-perit jista jagħmel il-pjanti u li dawn is-sigar għandhom jitpoġġew fuq il-bankina fil-parti wiesgħa. Kien hemm qbil li dawn għandhom isiru, kemm jsita jkun, quddiem l-appoġġi tad-djar u *Siġar – Triq Dingli*

skont kif jiddeċiedi l-perit. Iridu jsiru permessi neċessarji u x-xogħol jinqasam *phase 1* u *phase* 2.

62.3.2 Il-Kunsill ġie infurmat li l-*outdoor gym* se jinfetaħ dalwaqt. *Outdoor gym*

62.3.3 Dwar punt 61.2.5 dwar *cleaning strategy* is-Sindku ikkonferma li l-iskart mhallat u riciklabbli, mit-2 ta' Jannar 2017, ser jibda jinġabar fit-8pm mit-Tnejn sal-Gimgha, u s-Sibt fis-1pm. Fil-fuljett tal-Kunsill se jkun hemm kalendarju bil-ġranet ta' meta l-pubbliku jrid joħroġ borza sewda/hadra kif ukoll il-ħijinjiet. *Tibdil ta' ħin ta' ġbir ta' skart*

62.3.4 Is-Sindku informa li l-Kunsill ġie avviċinat minn Mapfre Insurance li jridu jagħmlu manutenzjoni ta' *zebra crossings* għal sena. Il-Kunsill aċċetta u ghandu jiprepara stima ghal dan l-*isponsorship*. *Mapfre Insurance*

62.3.5 Dwar punt 61.5.3 rigward it-tender ta' manutenzjoni ta' dwal tat-toroq, l-aħħar deċizjoni tal-Kunsill kienet li joħroġ mill-kumitat. Is-SE qal li kellem lil Jeannette Galea, Segretarju tar-Regjun Centru. u qara r-risposta tagħha li bgħatet permess ta' email, fejn din infurmatu li r-Regjun mhux ser johrog dan it-tender. Is-SE qal li wara kellem lid-Direttur tal-Gvern Lokali, qed jistenna direzzjoni mill-*monitoring board* għal kif ghandu jimxi il-Kunsill. Għandu jsir *update* fis-seduta li jmiss. *Tender tad-dawl*

62.3.6 Dwar punti 61.3.2 u 61.3.3 dwar tenders tal-manutenzjoni tal-gonna u *Gnien Indipendenza Lighting* il-Kunsill ġie infurmat li ġew iffirmati l-kuntratti. Il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħlijiet fi Ġnien Indipendenza se jibdew mid-9 ta' Jannar 2017. Dwar it-tender tal-ELC ġie iffirmat il-kuntratt imma għad trid issir laqgħa mas-sotto kumitat dwar kif ser jithaddem dan il-kuntratt gdid. *Tenders*

62.3.7 Dwar attivitajiet tal-Milied, is-Sindku qal li kellmu lis-Sur Joe Debono tat-Turizmu, u avzaw li għandhom xi tizjin li jistgħu jagħtuna. Il-Kunsill qal li għandu jara x'għandhom u jiddeċiedu fejn se jitpoġġew. Tizjin tal-Milied

62.3.8 Is-Sindky qal li qiegħed ikun hemm diversi cirkostanzi fejn ħafna mid-deċizjonijiet ikollhom jeħduhom hu flimkien mas-SE, għalhekk importanti li ħafna mil-kazijiet jibdew jittellgħu Kunsill. *Deċizjonjiet*

62.3.9 Is-Sindku informa dwar ċirkolari li irċevejna fuq l-allokazzjoni finanzjarja u Tas-Sliema zdiedet b'madwar €100,000. Iz-zieda ħadnija wara li d-DLG għamel rivizjoni tan-numru ta' residenzi *Allokazzjoni finanzjarja*

f'Tas-Sliema.

62.3.10 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar IIP li ħarġet mill-Gvern, u saqsiet jekk il-Kunsill hux se jigwadanja minn dan. Il-Kunsillier M. Briguglio informa li din kienet iz-zieda li ghada kif issemmiet fil-punt ta' qabel dan.

62.3.11 Is-Sindku qal li l-Kunsill, ghaldaqstant, issa jista jiġbor l-iskart ta' Fort Cambridge, ga la darba ghandna il-konferma bil-miktub li issa ser ninghataw il-fondi. Dawn qegħdin jitolbu li jitbattlu 20 skip. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li tajjeb ngħidu li l-Kunsill approva ħmistax u li l-istess arranġament bħal Tigne Point. Il-Kunsill qabel li jara kemm hemm bzonn, u sabiex ma jkunx hemm ammont ta' skips eccessiv. Hmistax-il skip jidher ragonevoli. Il-Kunsill qabel ukoll li tinhareg *variance on contract* sabiex jinghata dan is-servizz, u dan wara li diga saru l-kalkoli li juru li din tista ssir skond il-proceduri finanzjarji tal-Kunsilli Lokali. *Fort Cambridge*

62.3.12 Is-Sindku informa li ser ssir *talk* organizzata mill-Kunsill Lokali dwar *historical architecture* f'Tas-Sliema fl-1 ta' Diċembru ġewwa s-Salezjani. Il-kelliem ser ikun il-Perit Edward Said. Din tressqet Kunsill għaliex minħabba li talbu għal *monitors* għal din l-istess *talk*, l-ammont telgha għal Ewro620. Kien hemm diskussjoni sħiħa dwar dan il-kont u l-ghala l-Kunsill qed jigi infurmat daqstant tard dwar din l-attivita. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li din taf tkun problema għaliex jistgħu jibdew jitolbu għaqdiet oħra biex jagħmlu diversi talks. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jekk ikollna talbiet oħra iridu jiġu diskussi Kunsill. Il-Kunsillier P. Portelli qal li din telgħet Kunsill minħabba l-ammont eċċessiv għaliex talbu l-*monitors*. *Historical Architecture Talk*

*Ġew skuzati mis-seduta l-Kunsilliera L. Cassar Shaw, P. Portelli u J. Pillow fis-7.08pm*

Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi dispjaċuta illi ċertu deċizjonijiet qed isiru qabel jitressqu Kunsill. Il-Kunsilliera V. Galea Pace qablet.

*Daħal lura l-Kunsillier P. Portelli fis-19.09*
*Daħlet lura l-Kunsilliera . Cassar Shaw fis-19.14*
*Daħal lura l-Kunsillier J. Pillow fis-19.18*

Il-Kunsillier P. Radmilli qal li fil-kaz il-Kunsill għandu jitlob *sponsorship*. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li l-Kunsill

għandu jitlob kumpaniji kbar f'Tas-Sliema jghatu *sponsorships* f'tali attivitajiet. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li Frank Salt kien avviċina lill-Kunsill li jista joffri xi *sponsorship*, u għadna nsaqsuh. Il-Kunsillier M Briguglio qal li din it-*talk* għandha ssir u ma jintefaqx iktar minn Ewro 400. Kien hemm qbil li din it-talk issir fuq budget baxx ta' €400 u li ma tergax tigi organizzata attivita minghajr qabel ma tigi diskussa Kunsill.

Is-SE fakkar kif dan huwa kaz car fejn Kunsillier li jrid jorganizza tali attivita, irid jghamel mozzjoni u din titressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill f'seduta ufficjali.

62.3.13 Is-Sindku qal li trid issir laqgħa oħra għal lokalita fejn jiġi diskuss id-*draft* budget mar-residenti. Kien hemm qbil dwar dan.

62.3.14 Saret deċizjoni li f'kaz li jkun hemm talba għall-attivita jew ħaġa oħra li tirrikjedi flus u l-Kunsill ma jkunx għadu ltaqa, din l-attivita ma ssirx. *Attivitajiet*

62.3.15 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni mill-AFS għaliex hemm ħsara fil-funtana ta' Pjazza Sant'Anna. Peress li huma biss huma l-fornituri tagħha, kellha tintalab kwotazzjoni minn din il-kumpanija. Din se tiġi tiswa Ewro 2600 (Excl. VAT). Il-Kunsill approva li ssir izda qabel ukoll li jipprova jiġbor il-fondi lura mill-*insurance* tal-Kunsill. *Hsara f'pompa – Pjazza Sant'Anna*

62.3.16 Il-Kunsill ġie infurmat li ma jistax jibqa jikri l-garaxx għal *store* tal-Kunsill li jinsab fi Triq Manwel Dimech għaliex dan se jinbiegħ. Sadanitant il-Kunsill qiegħed jfittex xi post lejn il-Gzira/Msida peress li l-prezzijiet hemm huma irhas min f'Tas-Sliema. *Garaxx – Manwel Dimech*

62.3.17 Dwar ir-rampa tal-Kazin ta' San Girgor, il-Kunsill ġie infurmat li rċieva ittra mis-Sur Victor Testa li r-rampa saret skont l-*ispecifications* u ma kienx sew li l-Kunsill zamm il-pagament kontra din il-materja. Avza li huma ser jitolbu parir legali fuq is-sitwazzjoni. Is-SE informa li skont il-KNPD din ma saritx kif suppost. Kien hemm qbil li l-perit tal-Kunsill għandu jiġi jara kif għandha ssir u kemm se tiġi tiswa. Din għandha tiġi deċiza Kunsill ieħor. *Rampa San Girgor*

62.3.18 Is-Sindku informa li attenda għal *network conference* tal-Euromed. Is-Sindku qal ukoll li dawn talbu li l-Kunsill jipparteċipa izjed il-quddiem. Hemm *fee* ta' madwar Ewro 500, u kien hemm qbil li tiġi ċirkulata e-mail lill-Kunsilliera kollha u tittieħed deċizjoni f'Kunsill li jmiss. *Network conference*

62.3.19 Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-attivita li saret SAF 2016 u li minħabba l-fatt li kellna aktar *performing arts* minn *street arts* id-DLG naqsu lill-Kunsill Ewro 4000 mill-fondi li kienu diga approvati tal-iskema. Il-Kunsill qabel li din hija decizjoni ingusta. Lisa Cassar Shaw proponiet li l-Kunsill jiteb lil Onor. Stefan Buontempo u jalab għal laqgħa dwar dan. P Portelli issekonda. Il-Kunsill qabel. *SAF 2016*

**62.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

62.4.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefra għal punt 61.2.3 u saqsa hemmx xi zviluppi dwar EPRT *tar-Regina carpark*. Is-SE għandu jerga jċempel. *Regina carpark*

62.4.2 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal punt 61.6.6 dwar il-*car park* tax-Xatt. Is-SE qal li qiegħed jigbor informazzjoni ghall-applikazzjoni u sa nofs Diċembru ikun issottomettija. *Car park tax-Xatt*

62.4.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal punt 61.2.2 dwar *Tourism Police*. Is-SE qal li l-Kunsill baqa ma rċeviex risposta. Supt. Mamo infurmat fuq it-televizjoni li qegħdin jieħdu azzjoni dwar is-*sandwich boards* għaliex huma illegali. *Tourism Police*

62.4.4 Kien hemm qbil li l-laqgħa għall-lokalita se ssir fil 15 ta' Diċembru 2016. *Laqgħa għall-lokalita*

62.4.5 Il-Kunsill qabel dwar il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss li se jiġi diskuss id-*draft* Budget 2017 se ssir nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2016. *Laqgħa tal-Kunsill*

62.4.6 Il-Kunsill qabel li għandha ssir l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u l-istaff skont il-budget taċ-ċirkulari mid-DLG, u li din l-ikla ssir ezatt wara l-laqgha tal-Kunsill li jmiss f'Tas-Sliema. *Christmas dinner*

*Ġew skuzati mis-seduta l-Kunsilliera L. Cassar Shaw u J. Pillow fit-20.23*

**62.5 RAPPORTI**

62.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**62.6 DEPUTAT SEGRETARJU EZEKUTTIV**

62.6.1 Is-SE informa li s-Sur Paul Gatt ma jistax joqgħod għaliex impenjat ħafna. Is-SE irrakkomanda lis-Sur Anthony Attard, Segretarju

Ezekuttiv tal-Kunsill tal-Gzira. Il-Kunsill approva dan.

**62.7 RAPPREZENTAZZJONJIET MAL-AWTORITA TAL-IPPJANAR DWAR PERMESSI TA' ZVILUPP**

62.7.1 Is-SE informa li mal-kumpanija Architecture XV, qbizna l-limit ta' kemm nistghu nordnaw servizzi minghanda, minħabba li zdiedu l-ittri dwar appelli u kostruzzjoni. Il-kumpanija ma tistax, xorta wahda, tibqa jagħmel din ir-riċerka u ittri lill-PA u l-Kunsill irid isib perit ieħor. Ġie deċiz li toħroġ *call for quotations* jew tender u noqgħodu attenti kif isiru l-*ispecifications* ta' din is-sejħa sabiex jinstab perit/*planner* addattat għal dan ix-xogħol.

62.7.2 Giet diskussa l-applikazzjoni għal *guest house* fi Triq Gorg Borg Olivier u li l-appell ser jinzamm quddiem l-EPRT. *Triq Borg Olivier*

62.7.3 Il-Kunsillier P. Radmilli semma li hemm applikazzjonijiet ta' *tables and chairs* ix-Xatt u dalgħodu ġew approvati li jitneħħew tlett *parking bays*. Il-Kunsillier Radmilli informa li hemm erba applikazzjonijiet oħra ta' din ix-xorta. *Tables and Chairs*

*Daħlu lura l-Kunsilliera L. Cassar Shaw u J. Pillow fit-20.41*
*Ġiet skuzata l-Kunsiliera M. Aquilina fit-20.45*

62.7.4 Il-Kunsilliera P. Portelli u P. Radmilli jaqblu li ssir konferenza stampa quddiem dan ir-*restaurant*. Il-Kunsillier P. Radmilli ippropona li għandu jsir appell. Is-SIndku issekonda. Kien hemm qbil dwar dan.

**62.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

62.8.1 Ma kienx hemm punti dwar dan.

**62.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

62.9.1 Is-SE talab li ssir korrezzjoni f'punt numru 38 li l-isem tal-fornitur irid ikun Shantys Construction Ltd .

62.9.2 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-pagamenti. Il-kunsillier M. Briguglio ippropona. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti*

## 62.10 MOZZJONIJIET

62.10.1 Il-Kunsillier P. Portelli għamel prezentazzjoni wara li Itaqa mal-kumpanija *Yellow Pages* li għandhom idea li jwaħħlu sitt *cigarette bins* madwar Tas-Sliema li fuqhom ikun hemm mistoqsija għal pubbliku biex huma jiġbru statistika. Kull ma jridu mill-Kunsill huwa l-permess biex jagħmlu dan hu li jitbattlu. Il-Kunsill issuġġerixxa li dawn jitbattlu mis-CSD peress li ser jitqeghdu f'toroq li huma responsabbli ghat-tindif taghhom. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva u qabel ukoll li ssir stqarrija għall-istampa. *Cigarette bins*

*Is-Sindku ħareġ mis-seduta fid-21.00pm u daħal lura fid-21.05pm*

*Daħħlu lura l-Kunsilliera M. Aquilina u J. Pillow għas-seduta fis-21.14*

*Ġiet skuzata li titlaq mis-seduta l-Kunsilliera L. Cassar Shaw fid-20.45*

62.10.2 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar il-monument ta' Sri Chimnoy u l-proċess li wassalna. Is-SE wieġeb li qiegħed ifittex parir legalli jekk nistgħux nneħħuh. *Sri Chimnoy*

62.10.3 Il-Kunsillier P Radmilli fakkar li rridu navzaw lid-Direttur ghall-Gvern Lokali x'ser nghamlu dwar l-iskema ghall-progetti kapitali. Hu propona li nghamlu studju dwar bicycle lane. Is-Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel.

## 62.11 AGGORNAMENT

62.11.1 Is-seduta intemmet fl-21.30. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2016 fis-6pm

Minuti approvati llum

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Anthony Chircop** **Matthew Dimech**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**